MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2009

Numru 8/2003

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MICHAEL MALLIA**

**KONTRA**

**AMADEO GRIMA ta' 28 sena, iben Anthony u Anna Louise nee' Borg, imwieled Tal-Pieta' nhar it-8 ta' April, 1980, residenti fil-fond Block 8, Flat 1, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Rinella, Kalkara, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 259780M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **AMADEO GRIMA** li gie akkuzat talli:

1. Nhar it-3 ta' Awwissu, 2002 u fil-gimgha ta' qabel din id-dadta, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li

jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmulin b'risoluzzjoni whda, ai termini ta' l-Artikolu 18 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli nhar il-11 ta' Lulju, 2002 f'xi hin wara nofsinhar, fi Triq l-Ingilterra, Zurrieq, ikkommetta serq ta' flus kontanti li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta' Lm100.00 izda anqas minn Lm1,000.00 minn gol-fond bl-isem 'Central Ironmongery', li huwa sitwat fi Triq l-Ingilterra, Zurrieq, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, u l-valur il sehh ghad-dannu ta' Maria Galea;

3. U aktar talli nhar it-3 ta' Awwissu, 2002 ghall-habta ta' l-3.45 ta' wara nofsnihar, waqt li kien il-Mosta, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe' serq mill-fond New Modes, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu, liema serq li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltin ghad-detriment ta' Carmel Micallef mill-Mosta;

4. U aktar talli nhar is-6 ta' Awwissu, 2002, f'Hal-Ghaxaq, ikkommetta serq ta' flus, liema serq hu kkwalifkat bil-mezz u ammont li ma jiskorrix mitt Lira Maltin u d-detriment tas-sid;

5. U aktar talli sar recidiv ai termini ta' l-Artikolu 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentnezi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat illi l-akkuzat ghazel fl-interrogatorju li ma jwegibx ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu – ghalhekk din il-Qorti ai termini ta' l-Artikolu 392(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda titratta mieghu bhala li kieku hu mhux hati.

Rat ukoll l-Artikolu mibghuta mill-Avukat Generali taht liema jista' tinstab htija fil-konfront ta' l-akkuzat, u cioe':

L-Artikoli 18, 261(b)(c), 263, 264, 265, 266, 267, 278, 279(b), 281, 334, 289, 49, 50, 31, 20, 23, u 533 tal-Kodici Kriminali;
U kif ukoll l-Artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 466 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li moqrija l-Artikoli, l-imputat wiegeb illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji (folio 130).

Ikkonsidrat:

Illi nonostatne ghall-fatt illi l-akkuzat ma' l-interrogatorju ghazel li ma jwegibx, pero rrilaxxa zewg stqarrijiet li fihom ammetta l-involviment dirett tieghu fis-serq li kkommetta – serqa minn hanut gewwa Hal-Ghaxaq, minn hawn seraq fi kliemu *'ponn liri'* DOK AG, folio 14.

Din is-serqa fil-fatt giet ikkonfermata mis-sid ta' Cilia Store, Ghaxaq, certu George Cilia. Jghid ix-xhud li l-ammont li gie lilu misruq kien ta' Lm15.00. Xehed ukoll illi ma sofra ebda hsara fil-bieb tal-hanut levat.

Ammetta ukoll Amadeo Grima l-attentat ta' serq fuq hanut gewwa l-Mosta, dan fl-istqarrija minnu rilaxxata a folio 19 DOK AG1. Jghid illi gie nterrot f'din is-serqa minn ragel li hareg minn karozza bajda u li fil-fatt beda jigri lejh. Ammetta li harab minnn fuq il-post b'vettura ANG 777 li kienet tat-tfajla tieghu.

Dan kollu huwa kkoraborat mix-xhud Carmel Buttigieg illi ddepona li kellu hanut tal-hwejjeg il-Mosta. Ra bniedem jipprova jisgassalu l-hanut – gera warajh, harablu, pero rah diehel go vettura bin-numru ANG 777. Qal illi ghalkemm ma kienx cert minn numru tar-registrazzjoni, hu ra ……kien ta' l-istess tal-pulizija. Vide xhieda wkoll ta' PC 948 Joseph Muscat folio 52 u r-rapport minnu pprezentat bhala DOK JM, folio 56 – 58.

Amadeo Grima gie akkuzat ukoll b'serqa ohra miz-Zurrieq, pero din qatt ma giet ammessa minnu. Ghalkemm saret anke Inkjesta Magisterjali fuq l-istess (process verbal a folio 61), ma sar ebda ezami

komparattiv ta’ l-impronti digitali. Sid il-hanut, certa Maria Galea, xehdet ukoll fl-atti u qalet illi l-imputat kien dahal fil-hanut taghha gurnata qabel li soffriet is-serqa biex isarraf xi flus, pero fl-opinjoni ta’ din il-Qorti dan ma jwassaL ghal ebda prova ta’ htija ta’ dan ir-reat.

Rat ukoll is-sentenzi ezebiti fil-konfront ta’ l-akkuzat, kif ukoll il-verbal fil-konfront tal-prova tar-recidiva a folio 101 u x-xhieda ta’ l-Ispettur deponenti dwar il-prova ta’ l-identita’;

Rat il-kumplament ta’ l-atti;

Rat in-noti prezentati.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti m’ghandha ebda dubbju dwar il-htija ta’ l-akkuzat fil-konfront ta’ l-attentat tas-serqa fuq il-hanut tal-Mosta u s-serqa kommessa fil-konfront tal-hanut ta’ Hal-Ghaxaq. Ghar-ragunijiet premessi ma tqiesx ppruvata is-serqa mill-hanut taz-Zurrieq. Lanqas ma tqies illi Amadeo Grima ghandu jinstab hati tar-reat ta’ ricettazzjoni in kwantu dan huwa wiehed alternattiv.

Rat ghalhekk l-Artikoli 18, 261, 263, 264, 265, 266, 267, 278, 279, 281, 289, 49, 50, 31, 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
U kif ukoll l-Artikoli 7 u 22 tal-Kapitolu 466 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ssibu hati ta’ l-istess.

Dwar il-piena rat ukoll il-fedina penali tieghu. Ikkunsidrat illi Amadeo Grima nghata sal-lum diversi opportunitajiet li minnhom fiz-zmienijiet moghtija ma tghallimx, ghalhekk tqis illi l-piena idoneja hija wahda karcerarja ta’ disa’ (9) xhur fuq ksur ta’ l-Artikoli 7 u 22 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Tikkundannah ukoll ghal multa ta’ mitejn u tlieta u tletin Ewro (€233).

Qieghda tilliberah mill-effetti kollha ta’ l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghar-ragunijiet premessi u

marbuta mas-serqa kommessa mis-Central Ironmongery Zurrieq.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------